**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru: 265/2020**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali 166A Numru 1560/20 Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 980/2020 fl-ismijiet:**

**Charlie Auto Dealer Limited**

**vs**

**Renato Stivala**

Il-Qorti,

**1.** Rat ir-rikors ta' Renato Stivala tal-31 ta' Dicembru 2020 li fih ippremetta:

i. Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-esponenti ma kienx jaf bil-kontenut tal-ittra ufficjali peress li ma giex notifikat skond il-ligi u ghalhekk l-ittra ufficjali imsemmija ma tissodisfax il-kwieziti ta' titolu ezekuttiv taht s-subartikolu 3 tal-Artikolu 166A fuq imsemmi ghar-ragiunijiet segwenti:

ii. Illi ghandu jinghad li l-imsemmija ittra giet notifikata gewwa l-isptar Monte Carmeli Hat-Attard li la hu r-residenza tal-esponenti u lanqas l-ufficju registrat tal-kumpanija li jahdem maghha l-istess esponenti;

iii. Illi l-ittra ma gietx notifikata lilu direttament u personalment imma thalliet ma individwu li la huwa parti mill-familja tieghu u lanqas jghix fir-residenza fejn joqghod l-esponenti, dan jfisser li l-kriterji li hemm fl-Artikolu 166A(5)(i) jigifieri li *"d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra ufficjali ghaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss"* huwa applikabbli f'dan il-kaz odjern;

Illi abbazi ta' din l-ittra uffcjali l-kreditur ippresenta mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet bir-referenza 980/2020 fil-konfront tieghu wara li suppost giet ippresentata ittra ufficjali fl-istess ismijiet tal-mandat kontra l-istess rikorrenti li izda sa issa ghadha ma gietx notifikata lilu ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Ligi hawn citati;

iv. Illi rrizulta li din l-ittra ufficjali ma hijiex korretta u lanqas giet notifikata kif titlob il-ligi u ghalhekk il-mandat odjern huwa imsejjes fuq att gudizzjarju li ma ghandux sahha legali tenut kont li galadarba din l-ittra ufficjali ma ghandiex il-kweziti kollha biex tirrendiha titolu ezekuttiv jsegwi li galadabra ma giex segwit bi proceduri adekwati u ghalhekk dan il-mandat ghandu jigi revokat;

v. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti Renato Stivala ma ghandu ebda debitu mall-imsemmi Charles Auto Dealer u dan ghaliex l-imsemmija vettura ilha li giet mnehhija billi giet iskrapjatha u ghalhekk li kieku ghall grazzja tal-argument (dato non concesso) l-esponenti kellu veru debitu abbazi tal-allegata kambjala kieku ma kienx jkun jista jisskrapjaha peress li l-vettura tkun ghadha fuq isem l-imsemmi Charles Auto Dealer;

vi. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti Renato Stivala jahdem mas-socjeta Mekkanika Limited u l-paga tieghu tidhol direttament fil-kont Bankarju tieghu fil-Bank of Valletta plc bin-numru 40010691773 kif jidher mill-anness kopja tad-dokument tal-paga tieghu (Pay slip) (Dok RS) kull hmistax u minhabba l-agir u l-pretenzjonijiet tal-imsemmi Charles Auto Dealer qed issofri b'mod gravi peress li

hallietu f'sitwazzjoni prekarja hafna ghaliex ma ghandux mezzi ohra biex jmantni lilu u lis-siehba tieghu;

vii. Illi dan kollu jigi bil-qima sottomess huwa trasvestiment tal-procedura fil-Qrati taghna galadarba sar mandat abbazi ta' ittra ufficjali ppresentata taht l-Arikolu166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta li ma gietx notifikat ai termini tal-Ligi.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti joghgobha:

a) Tirrixxindi u tiddikjara nulla u bla effett l-ittra ufficjali bin-numru1560/20 ppresentata fl-10/8/20 li abbazi taghha sar il-mandat ta' sekwestru bin-numru 980/2020:

b) Tiddikjara li l-ammont imsemmi fl-imsemmija ittra ufficjali numru 1560/20 ma huwiex dovut mill-esponenti stante li mhux biss ma giex notifikat ai termini u l-effetti kollha tal-ligi imma stante ukoll li d-dokument li abbazi tieghu giet ippresentata l-ittra ufficjali ma ghandux validita legali u allura ma setghatx tigi ppresentata ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta;

c) Tirrixxindi u tiddikjara nulla u bla effett il-mandat ta' sekwestru bin-numru 980/2020 ippresentat, u tordna li kull ammonti maqbuda taht l-Awotrita tal-Qorti li gew depozitati abbazi ta' dan il-mandat jigu rilaxxati favur l-esponenti; u fi kwalunkwe kaz ai termini tal-Artikoli 381(1)(a) u ta' 382(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 ta' Ligijiet ta'Malta) l-ewwel EUR698.81 tas-salarju ta' persuna huma protetti u ma ghandhom qatt jigu sekwestrati kif effettivament gew u ghandhom jigu ezentati minn kull procedura ta' sekwestru

B' riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent ai termini tal-ligi;

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat kontra l-istess intimat.

**2.** Rat ir-risposta tas-socjeta Charlie Auto Dealer Limited li fiha eccepiet:

1. Illi n-notifika kienet wahda koretta kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza gia la darba r-rikorrenti Renato Stivala jahdem bhala security f' Mount Carmel Hospital u ghalhekk l-istess Sptar huwa meqjus bhala l-post tax-xoghol tieghu ai fini u effeti kollha tal-ligi.

2. Illi l-ammont in kwistjoni ghadu dovut gia la darba huwa naxxenti mill-kambjala annessa mal-istess ittra ufficjali 166A, li giet iffirmata fuq il-bilanc li kien ghad jonqos ihallas fuq il-karozza l-istess Renato Stivala

3. Illi ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-procedura odjerna l-Qorti tista biss tirrexindi l-ittra ufficjali u konsegwentament kull talba u/jew kawzali li tmur oltre dak premess b'din il-procedura specjali hija superfluwha u ghandha tigi michuda.

4. Illi m'huwiex minnu li Renato Stivala ma kienx jaf bl-ittra ufficjali in kwistjoni tant li huwa isostni li qieghed jigi pregudikat bil-mandat ta' sekwestru li kien gie intavolat u li huwa konnes mal-istess ittra ufficjali.

5. Illi permezz tal-procedura odjerna, il-Qorti m'hijiex kompetenti tiddetermina jekk l-ammont huwiex dovut jew le, imma trid biss tiddetermina l-validita tal-ittra ufficjali pprezentata fuq iz-zewg binarji stipulati fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi lanqas ma tista tintalab revoka ta' mandat ezekuttiv b'semplici rikors imma semmai kellha issir il-procedura appozita kontemplata fil-ligi ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

**4.** Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezenta fil-31 ta' Mejju 2021.

**5.** Rat li socjeta intimata ma ipprezentatx in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva taghha, fit-terminu lilha preskritt, pero fit-2 ta' Gunju 2021 hija ipprezentat r-rikors fejn talbet li tingungi bhala xhud lil Sascha Javakovic, ghar-ragunijiet li se jigu spjegati izjed l-isfel.

**Il-Fatti**

**6.** Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma senjatament is-segwenti:

1. Fl-10 ta' Awwissu 2020, is-socjeta intimata intavolat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu166A tal-Kodici ta' Procedura Civili kontra r-rikorrent fejn talbitu jhallas ammont ta' flus, allegatament dovuti minnu a bazi ta' kambjala iffirmata minnu. Flimkien ma' din l-ittra, is-socjeta intimata intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

2. Mill-atti jirrizulta li din l-ittra giet notifikata lir-rikorrent fl-Isptar Monte Carmeli, H'Attard fil-15 ta' Ottubru 2020, u skond ir-riferta tal-marixxal thalliet f'idejn certu Jancovic Sasa.

3. Din l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva skond il-ligi fis-17 ta' Novembru 2020.

4. Fil-31 ta' Dicembru 2020, Renato Stivala intavola rikors odjern fejn talab lil din il-Qorti *inter alia* tirrexxindi u tiddikjara nulla u bla effett l-ittra ufficcjali numru 1560, mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili ghaliex din l-ittra giet notifikata gewwa l-Isptar Monte Carmeli H'Attard, li la hi r-residenza tieghu u lanqas l-ufficju registrat tal-kumpanija li jahdem maghha Stivala, u cioe Mekkanika Limited.

*Ir-Rikors tas-Socjeta Intimata tat-2 ta' Gunju 2021*

**7.** Fl-ewwel lok din il-Qorti sejra tikkunsidra ir-rikors tas-socjeta intimata tat-2 ta' Gunju 2021, fejn wara li ippremettiet:

1. Illi l-istadju tal-kawza odjerna thalliet ghas-sentenza.

2. Illi wara li rrizulta illi Sascha Javakovic huwa l-persuna li rcieva n-notifika kif ukoll li issa s-socjeta esponent saret taf li l-imsemmi Sascha Javakovic huwa s-supervisor dirett tal-kontroparti Renato Stivala, s-socjeta esponenti ghandha interess li ttella' jixhed lill-imsemmi Javakovic, u dan sabiex jigi zgurat li kull prova relattiva tigi pprezentata.

Ghaldaqstant, is-socjeta Charlie Auto Dealer Limited talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizzaha sabiex tkun tista' tingungi lil Sascha Javakovic sabiex jixhed fuq il-fatti in kwistjoni u dan ghaliex ghandu rabta fundamentali mar-rikorrent Renato Stivala.

**8.** Fir-risposta tieghu Renato Stivala oggezzjona ghat-talba stante li l-istadju tal-provi fil-kawza odjerna huwa maghluq u l-kawza thalliet ghas-sentenza. Inoltre Stivala oggezzjona ghal din it-talba stante li s-socjeta intimata kienet konsapevoli ta' dan ix-xhud, tant li ssemma kemm fir-risposta tal-istess socjeta intimata ghar-rikors ta' revoka li gie ipprezentat minnu, u anke fix-xhieda tal-istess Charles Sammut f'isem is-socjeta intimata, u ghalhekk is-socjeta intimata kienet f'pozizzjoni li tharrek dan ix-xhud waqt il-gbir tal-provi.

**9.** Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

1. Fil-31 ta' Dicembru 2020, Renato Stivala intavola rikors promotur ta' dawn il-proceduri.

2. B'digriet tas-26 ta' Jannar 2021, din il-Qorti *inter alia* ordnat in-notifika tal-istess rikors lis-socjeta intimata bil-fakolta li tipprezenta risposta, u appuntat dan ir-rikors ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-seduta tat-8 ta' Frar 2021.

3. Is-socjeta intimat giet notifikata b'dan ir-rikors fl-1 ta' Marzu 2021[1] u ipprezentat ir-risposta taghha fl-10 ta' Mejju 2021, fejn eccepiet li n-notifika kienet wahda korretta.

4. Fis-seduta tat-28 ta' April 2021, din il-Qorti semghet ix-xhieda taz-zewg partijiet, iz-zewg partijiet ghalqu l-provi, u l-Qorti tat il-fakolta liz-zewg partijiet jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet u iddifferiet il-kawza ghal-lum 5 ta' Lulju 2021 ghas-sentenza.

5. Renato Stivala ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fil-31 ta' Mejju 2021.

6. Is-socjeta intimata ma ipprezentatx in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva taghha fit-terminu lilha preskritt, izda fit-2 ta' Gunju 2021 hija ipprezentat dan ir-rikors fejn talbet li tingungi bhala xhud lil Sascha Javakovic, ghar-ragunijiet premessi iktar il-fuq.

[1] A tergo fol. 30.

**10.** Minkejja li s-socjeta intimata giet notifikata bir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri fl-1 ta' Marzu 2021 u s-seduta li fiha nstemghu il-provi kollha tal-partijiet inzammet fit-28 ta' April 2021, is-socjeta intimata ma deheriliex li kien necessarju li tharrek lil Jancovic Sasa (kif ismu jidher fir-riferta tal-marixxal) bhala xhud ghal dik is-seduta in sostenn tal-eccezzjoni taghha li n-notifika tal-ittra ufficjali kienet wahda korretta skont il-ligi.

**11.** Fis-seduta tat-28 ta' April 2021, ir-rikorrent Renato Stivala xehed li huwa ma jafx lil Jancovic Sasa, minkejja li hu fiz-zmien relevanti kien assenjat xoghol l-Isptar Monte Carmeli. Stivala iddikjara li m'ghandux izjed provi.

**12.** F'dik l-istess seduta, is-socjeta intimata tellghet bhala xhud lil Carmelo Sammut, direttur tas-socjeta intimata, u iddikjarat li m'ghandhix provi izjed. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum, bil-fakolta lill-partijiet biex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet.

**13.** L-Artikolu 204(1)(b) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi illi:

> *"Meta s-smigħ tal-kawża jingħalaq ma tista' tingħata l-ebda xiehda oħra, ħlief għal raġuni ġusta u bil-permess tal-qorti."*

**14.** M'hemmx dubbju li s-socjeta intimata ilha taf li l-ittra ufficjali in kwistjoni thalliet f'idejn Jancovic Sasa (kif imnizzel fir-riferta) jew Sascha Javakovic kif qed issejjahlu f'dan ir-rikors zgur mill-1 ta' Marzu 2021, meta giet notifikata bir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk hija certament kienet f'posizzjoni li tharrek lil dan ix-xhud ghas-seduta tat-28 t'April 2021. Mill-atti ma jirrizultax li sar xi sforz mis-socjeta intimata biex taghmel dan, u lanqas gie allegat li sar tali sforz fis-seduta tat-28 t'April 2021.

**15.** Fir-rikors taghha tat-2 ta' Gunju 2021, is-socjeta intimata tallega illi *"issa s-socjeta esponenti saret taf li l-imsemmi Sascha Javakovic huwa s-supervisor dirett tal-kontroparti Renato Stivala".* Apparti li fir-rikors is-socjeta intimata ma indikatx meta saret taf b'dan l-allegat fatt u kif, ladarba d-difiza taghha fir-risposta taghha u fit-trattazzjoni tal-kawza kienet li r-rikorrent Stivala kien gie notifikat legalment, kien fl-interess taghha, jekk m'hux ukoll fl-obbligu taghha, li tharrek lil Jancovic Sasa ghas-seduta tat-28 ta' April 2021 in sostenn tat-tezi taghha, li l-Isptar Monte Carmeli, fejn saret in-notifika, huwa meqjus bhala l-post tax-xoghol

ta' Stivala, kif ukoll biex dan ix-xhud jixhed dwar il-fatti kollha in kwistjoni. Ghal xi raguni, is-socjeta intimata dan m'ghamlitux.

**16.** Konsegwentement ir-rikors tas-socjeta intimata tat-2 ta' Gunju fejn talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tingungi lil Sascha Javakovic f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri jirrazzenta l-abbuz tal-process gudizzjarju, anke peress li fih ma ngabu ebda ragunijiet serji in sostenn ta' tali talba. Il-fatt li s-socjeta intimata qed tallega li saret taf issa li din Jancovic Sasa huwa s-supervisor tar-rikorrent huwa irrilevanti – apparti li kellha kull opportunita li taghmel il-verifiki taghha qabel is-seduta tat-28 ta' April 2021. Dan ghaliex huwa evidenti li Jancovic Sasa kien xhud rilevanti sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, ghax skond ir-riferta tal-marixxal, hu kien il-persuna li maghha thalliet l-ittra ufficjali in kwistjoni, u li kien fid-dover tieghu jghaddiha lil Stivala. Dan nonostante, is-socjeta intimata ma offriet l-ebda forma ta' gustifikazzjoni, wisq inqas wahda valida, ghalfejn naqset li tharrku bhala xhud ghal dik is-seduta.

**17.** Konsegwentement, dan ir-rikors ta' Charlie Auto Dealer tat-2 ta' Gunju 2021 qed jigi michud.

<u>*Il-Meritu*</u>

**18.** It-talba tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu hija msejsa fuq l-artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, liema artikolu jipprovdi hekk:

*"(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*a. li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*

*b. li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.*

**19.** Ir-rikorrent jghid li hu qatt ma ircieva l-ittra ufficjali in kwistjoni, u li ma kienx jaf min hu Jancovic Sasa, li mieghu thalliet l-ittra ufficjali fl-Isptar Monte Carmeli. Huwa jghid li sar jaf li kienet giet intavolat din l-ittra ufficjali meta gie infurmat li kien hemm mandat ta' sekwestru kontrieh, u tkellem mal-avukat tieghu.

**20.** Mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent Renato Stivala huwa impjegat bhala assistant tradesman mas-socjeta Mekanika Limited, pero f'Marzu 2020 gie assenjat xoghol fl-Isptar Monte Carmeli H'Attard u kien ghadu assenjat xoghol f'dan l-Isptar fid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali.

**21.** Min-naha l-ohra, Carmelo Sammut, id-direttur tas-socjeta intimata, jinsisti li r-rikorrent kien konsapevoli li giet intavolata din l-ittra ufficjali kontrieh, ghaliex ir-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali fit-15 ta' Ottubru 2020, u fl-istess gurnata ir-rikorrent kien ikkontatjah fuq Facebook biex isolvu il-pendenzi ta' bejniethom, u kompla jikkuntattjah sat-18 ta' Ottubru 2020. Huwa esebixxa screenshots ta' dawn il-messaggi, kif ukoll screenshots ta' messaggi li ghaddew bejn ir-rikorrent u l-avukat tieghu.

**22.** Mill-iscreenshots ezebiti jirrizulta li Carmelo Sammut, bhala direttur tas-socjeta intimata, qed jippretendi hlas minghad ir-rikorrent. Pero minn dawn il-messaggi ezebiti, ma jirrizultax li meta nkitbu r-rikorrenti kien konsapevoli li kienet giet intavolata l-ittra ufficjali in kwistjoni kontrieh.

**23.** Ghalhekk il-kwistjoni li trid tiddeciedi din il-Qorti hija jekk n-notifika tal-ittra ufficjali saritx skond il-ligi o meno.

**24.** L-Artikolu 187(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili jippreskrivi *inter alia* hekk:

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."*

**25.** Ghalhekk il-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hija jekk minkejja l-fatt r-rikorrent huwa impjegat tas-socjeta Mekanika Limited, ladarba din is-socjeta assenjatlu doveri fit-tul fl-Isptar Monte Carmeli, dan l-Isptar ghandux jitqies bhala l-post tax-xoghol tieghu. Fl-opinjoni kunsidrata ta' din il-Qorti, ir-risposta ghandha tkun wahda fin-negattiv. Huwa vera li meta saret in-notifika tal-ittra ufficjali, r-rikorrenti kien ilu xhur assenjat doveri fl-Isptar Monte Carmeli, pero dan l-Isptar ma jaqax taht il-kontroll tas-socjeta Mekanika Limited, il-principal tar-rikorrent. L-Isptar Monte Carmeli huwa jifforma parti minn dipartiment tal-Gvern, li ghandu d-dipartiment tar-rizorsi umani tieghu. Huwa vera li f'dan il-kaz ir-rikorrent kien ordnat mill-principal tieghu sabiex jippresta servizzi lil dan l-Isptar, pero dan ma jfissirx li dan l-Isptar sar il-post tax-xoghol tieghu.

**26.** Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent kien jigi assenjat xoghol f'postijiet differenti tad-dipartiment tas-sahha. Certament ma kinietx l-intenzjoni tal-legislatur li persuna bhar-rikorrenti, li tkun ordnata mill-principal taghha, li tati servizzi lil terzi, tkun qieghda awtomatikament tawtorizza lil dan it-terz jircievi l-posta taghha, ghaliex il-fond tat-terz jitqies bhala l-post tax-xoghol taghha. Mill-provi ma jirrizulta bl-ebda mod, li r-rikorrent awtorizza lil xi awtoritajiet tal-Isptar Monte Carmeli, jew lil Jancovic Sasa jircievi l-posta tieghu. Effettivament lanqas jaghmel sens logiku u legali, li tali terzi jkunu awtorizzati jircievu l-posta ta' impjegati ta' socjetajiet ohra li jkunu qieghdin jaghtuhom xi forma ta' servizz. Konsegwentement, in-notifika tal-ittra ufficjali in kwistjoni ma setghetx legalment issir fl-Isptar Monte Carmeli.

**27.** Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, l-ewwel talba tar-rikorrenti se tigi milqugha.

**28.** Fit-tieni talba tieghu, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-ammont imsemmi fl-ittra ufficjali in kwistjoni mhux dovut. Dan ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 166A(5), kif fuq inghad, li hija procedura specjali u limitata. Skond dan l-Artikolu, il-kompetenza ta' din il-Qorti hija limitata li tissindika l-validita tal-ittra ufficjali a bazi taz-zewg ragunijiet stipulati fl-istess Artikolu 166A, u ghalhekk m'hix kompetenti tiddetermina jekk l-ammont pretiz mis-socjeta intimata hux legalment dovut jew le. Konsegwentement, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

**29.** Fit-tielet talba tieghu, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti tirrixxindi u tiddikjara null u bla effett il-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-ittra ufficjali in kwistjoni, u tordna li kull ammont li gie depozitat taht l-Awtorita tal-Qorti, jigi rilaxxat favur ir-rikorrent. Is-socjeta intimata qed toggezzjona ghal din it-talba ghax tissottometti li revoka ta' mandat ezekuttiv tista' biss tintalab bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**30.** Il-Qorti tibda biex tirrileva li mill-atti ma jirrizultax li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni gie rez ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 838B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk l-Artikolu 281 huwa irrilevanti ghal kwistjoni odjerna.

**31.** Pero fi kwalunkwe kaz, sew jekk il-mandat ta' sekwestru ghadu kawtelatorju, sew jew jekk sar ezekuttiv, f'kaz li l-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tigi dikjarata nulla u bla effett – bhalma se tigi dikjarata l-ittra ufficjali in kwistjoni - allura konsegwenza naturali hija li dak kollu li sar bis-sahha ta' l-ittra ufficjali in kwistjoni - inkluz il-hrug ta' mandati kawtelatorji/ezekuttivi - huma wkoll null u bla effett, u ghandhom hekk jigu dikjarati minn din il-Qorti. Kull interpretazzjoni diversa, tkun tammonta biss ghal irduppjar inutili ta' proceduri gudizzjarji.

**Konkluzjoni**

**32.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. tichad ir-rikors ta' Charlie Auto Dealer Limited tat-2 ta' Gunju 2021;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent Renato Stivala fir-rikors tieghu tal-31 ta' Dicembru 2020, u tiddikjara nulla u bla effett l-ittra ufficjali numru 1560/2020 fl-ismijiet premessi mahruga fl-10 ta' Awwissu 2020, li abbazi taghha inhareg il-mandat ta' sekwestru numru 980/2020;

3. Tiddikjara li hija inkompetenti f'dawn il-proceduri specjali li tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrent Renato Stivala, u ghaldaqstant qed tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent Renato Stivala u tiddikjara null u bla effett il-mandat ta' sekwestru bin-numru 980/2020 fl-ismijiet premessi, u tordna li l-ammont depozitat taht l-Awtorita ta' din il-Qorti abbazi ta' dan il-mandat jigi rilaxxat lill-istess Renato Stivala.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru fuq imsemmija, ghandhom jigu subiti mis-socjeta intimata

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**